# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Marzu, 2001**

**Numru**

**Avviz numru: 104/01mm**

**Id-Direttur tas-Sigurta' Socjali**

**vs**

**Joseph Formosa**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tad-Direttur attur ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta' hames mija u tnejn u sittin lira Maltin u sebghin centezmu (Lm562.70), bilanc ta' somma akbar imhallsa lil missier il-konvenut

indebitament bhala Pensjoni ghall-perjodu bejn Ottubru, 1990, u Dicembru, 1992, u dan peress li missier il-konvenut kien rikoverat fi sptar ghall-anzjani.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 17 ta' Jannar, 2000, u bl-imghax legali kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha ammetta t-talba attrici.

Fuq l-iskorta ta' din l-ammissjoni tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut.